Kulleġġ Santa Margerita

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015

| Is-Sitt Sena | Il-Fehim mis-Smigħ | Ħin: 30 minuta |
| --- | --- | --- |

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba tfal!

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se naqrahomlok darbtejn.

Issa nitlobkom tiftħu l-iskript li għandkom quddiemkom ħa nibdew.

--------------- *Waqfa ta' 10 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.

--------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

### <u>It-Tazza</u>

Darba waħda kien hemm tazza tal-ħġieġ ġewwa ħanut. Tgħidx kemm kienet sabiħa u kemm kienet tleqq. Din it-tazza kien jisimha Tina. Kienet tieħu gost fil-ħanut għax kienet tara nies differenti deħlin u ħerġin.

Darba daħlet omm ta' madwar tletin sena u lil tal-ħanut staqsietu għal tazza għat-tifel tagħha. Mela din l-omm ħarset lejn Tina u qalet lil tal-ħanut: "Sabiħa dik it-

tazza imma mhux tajba għat-tifel tiegħi daqs kemm hu mqareb. Kieku malajr ikissirha."

Tal-ħanut qalilha li f'dak il-kas aħjar tieħu tazza tal-plastik. Ġabilha ftit u għażlet waħda li kellha stampa ta' *Spiderman* għax naturalment dan hu l-karattru favorit tat-tifel tagħha.

Darba oħra daħal raġel li kellu ristorant u ried tazza għax-xampanja. Ħares lejn Tina u qal lil tal-ħanut: "Sabiħa dik it-tazza imma dik mhux tazza tax-xampanja kif irrid jien." U Tina baqgħet tistenna.

Darb'oħra daħlet mara anzjana li kellha sett tazzi u nkisritilha waħda minnhom. Din riedet tazza eżatt bħal tas-sett. Ħarset lejn Tina u qalet lil tal-ħanut "sabiħa dik it-tazza imma dik mhux bħal tas-sett". U Tina baqgħet tistenna.

Imma kif jgħidu "Min jistenna jithenna" għax darba minnhom daħal Martin li xtaq tazza sabiħa għax qal li ġej iżuru ħabib tal-qalb u xtaq joffrilu l-inbid f'tazza sabiħa. Tal-ħanut urieh lil Tina u kif raha qallu mill-ewwel "Għoġbitni, noħodha. Kemm tiswa jekk jogħġbok?" Kemm ferħet Tina! Sa fl-aħħar kien xtraha xi ħadd.

Tal-ħanut qiegħed lil Tina ġo kaxxa pulita. F'din il-kaxxa kien hemm ħafna biċċiet tal-kartun imqatta' żgħir biex Tina ma tirromblax min-naħa għall-oħra. Imma Tina ma tantx ħadet gost fil-kaxxa. L-ewwel nett bdiet tara dlam biss u t-tieni nett dawk il-biċċiet tal-kartun bdew idejquha. "Paċenzja", ħasbet Tina, "nistenna sakemm dan is-sinjur jeħodni d-dar".

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħt.

**Taħriġ A:** Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-frażijiet mogħtija:

**Numru wieħed: Tina t-tazza kienet:**

a) tal-ħġieġ
b) tal-plastik
ċ) tal-fidda.

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

**Numru tnejn: Fil-ħanut daħlu, raw it-tazza, iżda ma xtrawhiex**

a) tnejn minn nies.

b) tlieta minn nies.

ċ) erbgħa minn nies.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta: L-espressjoni 'Min jistenna jithenna' hija**:

a) qawl fl-ilsien Malti.

b) idjoma fl-ilsien Malti.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

Qabbel il-frażi fl-ewwel kaxxi mal-frażi tat-tieni kolonna biex tifforma sentenzi sħaħ. L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a** | It-tazza li kienet għal bejgħ | | kellu ristorant. |
| **b** | L-omm ta' madwar tletin sena għoġbitha t-tazza | | għax inkisritilha waħda minn sett tazzi. |
| **ċ** | Ir-raġel li xtaq jixtri tazza tax-xampanja | | għal ħabib li se jżuru f'daru. |
| **d** | Il-mara anzjana riedet tixtri tazza | **1** | jisimha Tina. |
| **e** | Min xtara t-tazza riedha | | biex Tina t-tazza ma tinkisirx. |
| **f** | Il-kartun imqatta' fil-kaxxa kien qed iservi | | iżda xtrat tal-plastik. |

--------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------

Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**<u>It-Tazza</u>**

Darba waħda kien hemm tazza tal-ħġieġ ġewwa ħanut. Tgħidx kemm kienet sabiħa u kemm kienet tleqq. Din it-tazza kien jisimha Tina. Kienet tieħu gost fil-ħanut għax kienet tara nies differenti deħlin u ħerġin.

Darba daħlet omm ta' madwar tletin sena u lil tal-ħanut staqsietu għal tazza għat-tifel tagħha. Mela din l-omm ħarset lejn Tina u qalet lil tal-ħanut: "Sabiħa dik it-tazza imma mhux tajba għat-tifel tiegħi daqs kemm hu mqareb. Kieku malajr ikissirha."

Tal-ħanut qalilha li f'dak il-kas aħjar tieħu tazza tal-plastik. Ġabilha ftit u għażlet waħda li kellha stampata Spiderman għaliex naturalment dan hu l-karattru favorit tat-tifel tagħha.

Darba oħra daħal raġel li kellu ristorant u ried tazza għax-xampanja. Ħares lejn Tina u qal lil tal-ħanut: "Sabiħa dik it-tazza imma dik mhux tazza tax-xampanja kif irrid jien." U Tina baqgħet tistenna.

Darb'oħra daħlet mara anzjana li kellha sett tazzi u nkisritilha waħda minnhom. Din riedet tazza eżatt bħal tas-sett. Ħarset lejn Tina u qalet lil tal-ħanut "sabiħa dik it-tazza imma dik mhux bħal tas-sett".U Tina baqgħet tistenna.

Imma kif jgħidu "Min jistenna jithenna" għax darba minnhom daħal Martin li xtaq tazza sabiħa għax qal li ġej iżuru ħabib tal-qalb u xtaq joffrilu l-inbid f'tazza sabiħa. Tal-ħanut urieh lil Tina u kif raha qallu mill-ewwel "Għoġbitni, noħodha,kemm tiswa jekk jogħġbok?" Kemm ferħet Tina! Saflaħħar kien xtraha xi ħadd.

Tal-ħanut qiegħed lil Tina ġo kaxxa pulita. F'din il-kaxxa kien hemm ħafna biċċiet tal-kartun imqatta' żgħir biex Tina ma tirromblax min-naħa għall-oħra. Imma Tina ma tantx ħadet gost fil-kaxxa. L-ewwel nett bdiet tara dlam biss u t-tieni nett dawk il-biċċiet tal-kartun bdew idejquha. "Paċenzja", ħasbet Tina, "nistenna sakemm dan is-sinjur jeħodni d-dar".

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Se nerġa' naqralek Taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħt.

**Numru wieħed:**

**Tina t-tazza kienet:** tal-ħġieġ

b) tal-plastik

ċ) tal-fidda.

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

**Numru tnejn: Fil-ħanut daħlu, raw it-tazza, iżda ma xtrawhiex**

a) tnejn minn nies.

b) tlieta minn nies.

ċ) erbgħa minn nies.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

**L-espressjoni 'Min jistenna jithenna' hija**:

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a) Qawl fl-ilsien Malti.

b) idjoma fl-ilsien Malti.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel il-frażi fl-ewwel kaxxi mal-frażi tat-tieni kolonna biex tifforma sentenzi sħaħ. L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a** | It-tazza li kienet għal bejgħ | | kellu ristorant. |
| **b** | L-omm ta' madwar tletin sena għoġbitha t-tazza | | għax inkisritilha waħda minn sett tazzi. |
| **ċ** | Ir-raġel li xtaq jixtri tazza tax-xampanja | | għal ħabib li se jżuru f'daru. |
| **d** | Il-mara anzjana riedet tixtri tazza | **1** | jisimha Tina. |
| **e** | Min xtara t-tazza riedha | | biex Tina t-tazza ma tinkisirx. |
| **f** | Il-kartun imqatta' fil-kaxxa kien qed iservi | | iżda xtrat tal-plastik. |

***Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.***

Issa ngħaddu għat-tieni silta.

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A, Taħriġ B u Taħriġ Ċ tat-tieni silta.

--------------- *Waqfa ta' 45 sekonda* ---------------

Issa se naqralek it-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta.**

**Tina f'idejn is-Sur Farrugia**

Kif wasal id-dar Martin wera t-tazza lill-mara tiegħu, li kienet fil-kċina. Wara ftit ġiet mill-kamra tagħha tifla ta' xi ħames snin jisimha Grace u qalet lil ommha; "Ma kemm hi sabiħa dik it-tazza! Nista' nżommha ftit f'idi?". Imma ommha qaltilha le. "Grace ruħi jekk twaqqagħha tinkiser. Għada ġej is-Sur Farrugia għall-ikel u se jużaha hu biex jixrob l-inbid minnha."

Tina tant ħadet grazzja ma' Grace li bdiet tixtieq li jagħtuha lilha waqt l-ikel u mhux lis-Sur Farrugia. L-għada meta ġie s-Sur Farrugia mill-ewwel qegħdulu lil Tina quddiemu u Martin imlihielu bl-inbid. Is-Sur Farrugia jidher li kien iħobbu ħafna l-inbid u mill-ewwel beda jixrob.

Mela das-Sur Farrugia kellu l-mustaċċi u meta beda jixrob Tina bdiet tħossha qed tingħarax bil-mustaċċi twal li kellu. Bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha "Aħjar qed tixrob minni Grace milli s-Sur Farrugia."

F'ħin minnhom is-Sur Farrugia qal lil Martin: "Kemm hi sabiħa dit-tazza". Martin qallu mill-ewwel "Sur Farrugia, wara l-ikel tista' teħodha. Tkun rigal mingħandi u mingħand il-familja tiegħi". Tina għamlet il-geddum. Riedet toqgħod f'dik id-dar ma' Grace mela tmur mas-Sur Farrugia biex joqgħod idejjaqha b'dawk il-mustaċċi koroh li kellu.

Is-Sur Farrugia qal lil Martin "Grazzi imma t-tazza mhux se neħodha. L-ewwel nett diġa' tajtuni rigal meta stedintuni niġi niekol għandkom u t-tieni jekk neħodha d-dar dik it-tazza jkissruhieli l-ħafna qtates li għandi għax kull ma jaraw iridu jilagħbu bih."

Tina kienet ferħana li se tibqa' f'dik id-dar ma' Grace. U hekk ġara. U b'hekk Grace u Tina tgħidx kemm kienu kuntenti!

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

Għal Taħriġ A nitolbok tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba biex turini jekk dak li se ngħid jien huwiex vera, falz, jew jekk lanqas biss issemma' fis-silta.

**Ejja naraw l-eżempju.**

Tina t-tazza waqgħet mal-art u nkisret.

**Dan MHUWIEX VERA. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejn FALZ.**

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi. Jekk trid, jew jekk taħseb li taf timmarka xi tweġiba minnhom, tista'. Imma għal dan, se nagħtik ċans wara wkoll.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru wieħed**

Is-Sur Farrugia jħobb jixrob l-inbid aħmar.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn**

Il-mara ta' Martin kienet fil-kċina meta rat lil Tina t-tazza l-ewwel darba.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta**

Grace hi tifla orfni.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa**

Tina t-tazza ħadet grazzja ma' Grace.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa**

Is-Sur Farrugia ġie bl-għarusa fid-dar ta' Martin.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajna Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B. Imla l-vojt fis-sentenza billi tikteb kelma waħda.**

**Numru wieħed:**

Grace hi tifla żgħira ta' ________ snin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Il-mistieden ta' Martin kien iħobb jixrob ________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Is-Sur Farrugia kellu ________ twal.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Tina t-tazza għamlet ________ għax riedet tibqa' ma' Grace.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Ir-raġel ried jagħti t-tazza bħala ________ lis-Sur Farrugia.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ Ċ.**

Agħti tifsira lill-idjoma: bejnha u bejn ruħha.

--------------- *Waqfa ta' 30 sekonda* ---------------

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Tina f'idejn is-Sur Farrugia**

Kif wasal id-dar Martin wera t-tazza lill-mara tiegħu, li kienet fil-kċina. Wara ftit ġiet mill-kamra tagħha tifla ta' xi ħames snin jisimha Grace u qalet lil ommha; "Ma kemm hi sabiħa dik it-tazza! Nnista' nżommha ftit f'idi?" Imma ommha qaltilha le. "Grace ruħi jekk twaqqaħha tinkiser. Għada ġej is-Sur Farrugia għall-ikel u se jużaha hu biex jixrob l-inbid minnha."

Tina tant ħadet grazzja ma' Grace li bdiet tixtieq li jagħtuha lilha waqt l-ikel u mhux lis-Sur Farrugia. L-għada meta ġie s-Sur Farrugia mill-ewwel qegħdulu lil Tina quddiemu u Martin imlihielu bl-inbid. Is-Sur Farrugia jidher li kien iħobbu ħafna l-inbid u mill-ewwel beda jixrob.

Mela das-Sur Farrugia kellu l-mustaċċi u meta beda jixrob Tina bdiet tħossha qed tingħarax bil-mustaċċi twal li kellu. Bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha "Aħjar qed tixrob minni Grace milli s-Sur Farrugia."

F'ħin minnhom is-Sur Farrugia qal lil Martin: "Kemm hi sabiħa dit-tazza". Martin qallu mill-ewwel "Sur Farrugia, wara l-ikel tista' teħodha. Tkun rigal mingħandi u mingħand il-familja tiegħi". Tina għamlet il-geddum. Riedet toqgħod f'dik id-dar ma' Grace mela tmur mas-Sur Farrugia biex joqgħod idejjaqha b'dawk il-mustaċċi koroh li kellu.

Is-Sur Farrugia qal lil Martin "Grazzi imma t-tazza mhux se neħodha. L-ewwel nett diġa tajtuni rigal meta stedintuni niġi niekol għandkom u t-tieni jekk neħodha d-dar dik it-tazza jkissruhieli il-ħafna qtates li għandi għax kull ma jaraw iridu jilagħbu bih."

Tina kienet ferħana li se tibqa' f'dik id-dar ma' Grace. U hekk ġara. U b'hekk Grace u Tina tgħidx kemm kienu kuntenti!

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Issa se naqralek Taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba**

Għal Taħriġ A nitolbok tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba biex turini jekk dak li se ngħid jien huwiex vera, falz, jew jekk lanqas biss issemma' fis-silta.

**Ejja naraw l-eżempju.**

Tina t-tazza waqqgħet mal-art u nkisret.

**Dan MHUWIEX VERA. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejn FALZ.**

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi. Jekk trid, jew jekk taħseb li taf timmarka xi tweġiba minnhom, tista'. Imma għal dan, se nagħtik ċans wara wkoll.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru wieħed**

Is-Sur Farrugia jħobb jixrob l-inbid aħmar.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru tnejn**

Il-mara ta' Martin kienet fil-kċina meta rat Tina t-tazza l-ewwel darba.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta**

Grace hi tifla orfni.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa**

Tina t-tazza ħadet grazzja ma' Grace.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa**

Is-Sur Farrugia ġie bl-għarusa fid-dar ta' Martin.

Vera, falz, jew ma ssemmietx ?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**
**Imla l-vojt fis-sentenza billi tikteb kelma waħda.**

**Numru wieħed:**

Grace hi tifla żgħira ta' ________ snin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Il-mistieden ta' Martin kien iħobb jixrob ________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Is-Sur Farrugia kellu ________ twal.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Tina t-tazza għamlet ________ għax riedet tibqa' ma' Grace.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Ir-raġel ried jagħti t-tazza bħala ________ lis-Sur Farrugia.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ Ċ għat-tieni u l-aħħar darba.**

Agħti tifsira lill-idjoma: bejnha u bejn ruħha.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

TMIEM IL-KARTA